


# Programm
# tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ
# SANTA MARIJA
## Patruna tar-Raħal

**mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1978**

# "ST. PETER"

# Ironmongery & Household Goods

## by

# JOSEPH FARRUGIA

Jissupplixxi:

**COOKERS, FRIDGES, WASHING MACHINES,**

**KMAMAR TAL-BANJU,**

**MADUM TA' KULL STIL U KWALITA'**

**MILL-AQWA, ARISTON GEYSERS,**

**STAINLESS STEEL SINKS KIF UKOLL**

**KULL KWALITA' TA' ŻEBGĦA U OĠĠETTI**

**UTILI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI.**

# ST. PETER

## New Street off tas-Sejba Road,

## Mqabba.

**TEL. No. 821485**

# Kelmtejn mill-Kappillan

Għeżież Imqabbin,

Din hi r-raba' darba li qed niktbilkom fl-okkażjoni tal-Festa tal-Parroċċa. U din id-darba xtaqt niktbilkom fuq suġġett partikolari.

X'verità nistqarru bid-Domma tal-Assunta? Li Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. U x'tgħallimna din il-verità? Li aħna, bħall-Madonna u bħal binha Ġesù, iddestinati biex insalvaw mhux ruħna biss iżda ġisimna wkoll. Alla ħalaqna biex nagħrfuh, inħobbuh, naqduh u ngawduh mhux bħala erwieħ bir-ruħ biss, iżda bħala bnedmin bil-ġisem ukoll.

Dan ifisser li ġisimna, li ġie mqaddes bis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma, m'għandniex nipprofanawh bid-dnub.

Qegħdin f'nofs is-sajf u disgrazzjatament f'dak li huwa mġieba u lbies, speċjalment fost in-nisa, sena agħar mill-oħra. Xi ngħidu mbagħad għal ċertu lbies tal-għawm! Veru tlifna kull sens ta' modestja u deċenza nisranija.

Ġisimna ma ġiex mogħti lilna biex nidinbu bih. Anqas u anqas ma ġie mogħti lilna biex bih inkunu ta' skandlu għal ħaddieħor. U għalhekk x'responsabbiltà kbira għandhom quddiem Alla dawk li ma jimpurtahomx milli jiskandalizzaw lill-oħrajn, speċjalment liż-żgħar u lill-innoċenti! Ġesù beżżagħna ħafna mill-iskandlu.

Niftakru li daqs kemm hu veru li ġisimna ġie maħluq biex imur igawdi 'l Alla flimkien mar-ruħ, daqstant ieħor hu veru li hemm eternità ta' tbatija lesta għalih jekk aħna nħassruh bid-dnub.

Għalhekk, inħeġġiġkom egħżież biex nikkontrollaw ruħna. Ma nħallux il-ħsibijiet u x-xewqat jiġru bina. Inrażżnu l-ġibdiet li nħossu ġo fina, u s-sensi tagħna, speċjalment l-għajnejn, nikmandawhom aħna, mhux jikmandawna huma.

Inħarsu lejn il-Madonna li hi l-aqwa mudell tas-safa'. Is-sbuħija tagħha hi perfetta għax qatt ma ġiet mittiefsa mid-dnub. Hi l-aqwa Reġina tas-sbuħija. Nitolbuha tagħmilna safjin fil-ħsibijiet u x-xewqat tagħna, fil-ħars u l-kliem tagħna, fil-mod kif nilbsu u kif inġibu ruħna magħna nfusna u mal-oħrajn, biex ġisimna, bħal tagħha, jmur igawdi flimkien ma' ruħna.

J'Alla l-Madonna tixħet il-barka tagħha fuq il-familji kollha tal-Imqabba.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Dun Anton Vella
Kappillan.

# L-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza

Din is-sena xtaqna nagħtu xi tagħrif dwar l-Istatwa ta' Santa Marija li qegħda ssebbaħ il-Pjazza tal-Knisja.

Fil-post fejn hemm l-istatwa llum, kien hemm statwa antika ta' Santa Marija li ġiet imġarrfa fl-aħħar gwerra fl-istess jum li waqgħet il-Knisja.

Bejn li kien iż-żmien tal-gwerra u ta' wara l-gwerra, u bejn li kien hemm ix-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-Knisja, ftit li xejn intwera interess li tiġi magħmula statwa oħra minn flokha.

Sakemm fl-aħħar inqala' Benefattur, is-**Sur Spiridione Schembri,** li offra li jidħol hu waħdu għal din il-biċċa xogħol.

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, **Dun Gelard Mangion,** kiteb lill-Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi biex l-istatwa l-ġdida tkun tista' ssir u titqiegħed fl-istess post fejn kien hemm l-istatwa l-qadima. U meta l-permessi ġew, is-Sur Schembri mar jordna l-istatwa għand l-**Iskultur Marco Montebello.**

Bit-taħbit tal-imsemmi Benefattur u a spejjeż tiegħu, l-opra artistika fl-aħħar tlestiet, u l-istatwa ġiet imtellgħa f'postha u mbierka mill-Kappillan fl-1960.

L-Awtorità tal-Knisja tat Indulġenza Parzjali lil kull min jgħid **Salve Regina** quddiem din l-Istatwa.

Lapida ta' rħam imwaħħla fuq wara tal-pedestall iġġib dawn il-kelmiet bil-Latin:

**SPIRIDION SCHEMBRI EREXIT**

**MCMLX**

# FESTI TA' BARRA

**Il-Hadd, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina.**

8.00 p.m. — Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-**King George V Band Club.**

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu — Ħruġ tal-Istatwa.**

8.00 p.m. — Wara l-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja, l-**Banda King Georve V** tagħmel marċ mat-toroq tar-Raħal. Mixgħela Ġenerali.

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu — It-Tlielet Jum tat-Tridu**

8.30 p.m. — Il-**Banda King George** V tagħmel marċi u ddoqq fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Kav. George Martin, A.Mus., L.C.M.** Mixgħela ġenerali.

10.30 p.m. — Ħruq tal-logħob tan-nar.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.30 p.m. — Il-baned **Queen Victoria** taż-Żurrieq u **San Nikola** tas-Siġġiewi, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba b'marċi, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

10.00 p.m. — Ħruq tal-murtali tal-kulur u beraq pront.

11.00 p.m. — Ħruq tal-logħob tan-nar artistiku.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.**

6.00 p.m. — Il-baned **Queen Victoria** u **San Nikola** jdoqqu marċi u jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. — Mixgħela ġenerali. Waqt il-ħruġ tal-proċessjoni tindaqq u titkanta l-**Ave Maris Stella.** Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-każin King George V, il-Banda **Queen Victoria** ddoqq **Innu lil Santa Marija Assunta** kitba ta' **Patri G.M. Ghigo S.J.** u mużika tas-**Surmast Kav. G. Martin A. Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-**Tenur Andrew Sapiano** u l-**Baritonu Joe Fenech** mal-Kor tax-Xebbiet,
Waqt il-proċessjoni jsir sparar tal-musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur.

**N.B.** (i) Sett ta' marċi ġodda u l-Innu lil Santa Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq Cable Radio nhar il-Festa. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin L.Mus., L.C.M.

(ii) Il-logħob tan-nar, il-kaxxi nfernali u l-beraq pront huma kollha xogħol tad-**Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.**

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

**Il-Hadd, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

5.00 p.m. — Quddiesa kantata solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu — Ħruġ tal-Istatwa.**

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. — Isir il-**ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija.** Kant tal-**Ave Maris Stella** u Antifona.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu.**

7.00 p.m. — Quddiesa kantata mill-**W.R. Kan. Joseph Bonnici** bl-Omelija "Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem".
7.45 p.m. — Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu.**

7.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.
7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W.R. Kan. Vincent Ciappara** bl-Omelija "Marija, Sultana tas-Sema u tal-Art".
7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Hadd, 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu.**

8.30 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.
6.30 p.m. — Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda u x-Xjuħ mill-**W.R. Kan. Joseph Portelli** bl-Omelija "Marija, Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.
7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa.**

8.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa. l-**W.R. Dun Anton Vella.** Kant tat-**Te Deum** b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwija u Quddiesa Kantata Solenni. Jiffunzjona l-**W.R. Mons. Gerardo Frendo.** Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa.**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. — Quddies.
8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.
9.00 a.m. — Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali bil-Paneġirku, immexxija mill-**W.R. Mons Lorenzo Spiteri.**
10.30 a.m., 11.30 a.m. u 12.30 p.m. — Quddies.
6.00 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-**W.R. Mons Gerardo Frendo,** Salve u Litanija.
7.30 p.m. — Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.
10.00 p.m. — Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwija.

**N.B.** (i) It-Tnejn, lejlet il-Festa, wara nofsinhar ikun hawn **Konfessuri Barranin** għall-Qrar.
(ii) Il-Mużika tat-Tridu, Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W.R. Patri Salv. Galea,O.P., L.R.S.M.**

**It-Tlieta, 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa.**

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwija, "Te Deum" u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

———— :: ————

## MIN IHOBB TASSEW LILL-MADONNA

- **Ma jsemmihiex fil-batal...**
- **Hu deċenti fi lbiesu u fi mġiebtu...**
- **Ma joqgħodx mingħajr Rużarju...**
- **Jgħin lil kull min hu fil-bżonn...**
- **Għandu garanzija li jsalva ruħu...**

# Rendikont – Festa Santa Marija – 1977

**DHUL**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | £M 13.50,2 |
| Ġbir bl-envelopes u offerti oħra | 343.99,0 |
| Reklami | 16.00,0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 24.00,0 |
| **Dħul Totali** | £M397.49,2 |

**HRUĠ**

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M152.15,0 |
| Trasport | 10.00,0 |
| Personnel Barrani | 32.50,0 |
| Stampar ta' Programmi | 26.40,0 |
| Funzjonijiet — Kwindiċina u Festa | 15.75,0 |
| Fjuri u Xorb | 4.26,0 |
| Organista | 13.50,0 |
| Armar fil-Knisja | 20.00,0 |
| Daqq tal-Qniepen | 6.00,0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja, Kampnar u Koppla | 112.40,0 |
| **Hruġ Totali** | £M392.96,0 |

Bilanċ għal din is-sena £M4.53,2.

Kontribuzzjoni mill-Każin

KGV għall-Konsum £M7.00,0

**Dun Anton Vella**

**Kappillan**

# Tagħrif Storiku Dwar il-Parroċċa

## HARSA LEJN L-EWWEL REĠISTRU TAL-MAGĦMUDIJA (1599 — 1621)

L-ewwel magħmudija mniżżla fir-Reġistru hi ta' iben Ġużeppi u Margarita Bonavia. Saret fis-6 ta' Jannar 1599. It-tifel issemma Gandumink. F'dik l-ewwel sena tgħammdu erbatax-il tarbija oħra. Is-sena ta' wara tgħammdu tnax. Fl-1601 hemm ħdax-il magħmudija, sebgħa fl-1602 u erbatax fl-1603. Bejn wieħed u ieħor in-numru ta' magħmudijiet ta' kull sena sa l-1621 baqa' ta' madwar erbatax; biss fis-sena 1609 tgħammdu 22 tarbija.

Fit-28 ta' Awissu 1599 insibu l-ewwel tewmin li tgħammdu fil-parroċċa. Ġanmari u Antonju. M'hemmx imniżżel kunjomhom. Il-ġenituri tagħhom kienu minn Ħal Kirkop. Wieħed jaħseb li ommhom kienet mill-Imqabba u nġabret għand ommha biex tiled. L-ewwel tewmin Imqabbin kienu Dominika u Ġoanella, ulied Bartolmew u Anġelika Magro. Għammduhom fit-28 ta' Ġunju ta' l-1603.

Meta tarbija kienet tkun f'periklu tal-mewt kienet titgħammed id-dar mill-qabla li tkun qed tgħin 'l omm. (Dik il-ħabta l-iżjed żewġ majjistri mfittxa fl-Imqabba kienu Franġiska Schembri mill-istess raħal u Margarita Gusman minn Ħal Safi.) Jekk it-tarbija kienet tgħix, kienu jeħduha l-knisja u l-kappillan jagħmlilha r-rit kollu tas-sagrament, bla ma jagħmmidha. F'dan il-każ il-kappillan kien jikteb fir-reġistru "dlikt biż-żejt imqaddes" jew "ikkatekizzajt u dlikt" minflok "għammidt". Il-parrinu f'ċerimonja bħal din kien jissejjaħ "il-parrinu tal-Katekiżmu."

Parrinu kont issib wieħed f'magħmudija u kien ikun raġel. Aktarx li kien ikun mill-Imqabba. Fl-1599 insibu wieħed imniżżel bħala "Mastro Nicola, Francese della città Valletta." Fl-1608 fost il-parrinijiet hemm "il-Kavalier Kaptan tas-Siġġiewi." Sena wara jissemma l-Kavalier La Matta. Fl-1614 insibu bħala parrinu "il Signor dottor D. Gaspare Falsone della città Vittoriosa." Fl-istess sena l-Kaptan taż-Żurrieq għamilha ta' parrinu. Il-Kappillan Pace ma niżżilx ismu, imma meta semgħu jitkellem bil-Malti, qabad u kiteb "il-Kaptan taż-Żurrieq li jaf il-Malti.'

Darba biss jidhirli li hemm żewġ parrinijiet f'magħmudija. Din saret fl-20 ta' Lulju ta' l-1608. Il-parrinijiet kienu Suor Marianica u l-Kavalier Fra Rafaele Curti.

Għall-ħabta ta' l-1619 daħlet id-drawwa li t-tarbija tittieħed titgħammmed fil-parroċċa tal-parrinu meta dan ma kienx ikun irid jinqala' u jmur l-Imqabba. Il-Kappillan Pace kien jagħti permess bil-miktub biex isir dan. L-ittra kien jagħtiha lill-missier, u dan kien juriha lill-qassis li jamministra l-magħmudija. Wara li jniżżel ismu u meta u fejn saret il-magħmudija, l-istess qassis kien jibgħat lura l-ittra lill-kappillan. Hemm tliet ittri bħal dawn meħmuża ,fir-reġistru. Waħda minnhom, meta għammdu lil Lorenza Cusmano fil-knisja ta' San Duminku, il-Belt, tgħid:

Kull kappillan jew viċi-parroku jista' jgħammed it-tifla ta' Mastru Djonizju Cusmano, mill-parroċċa tiegħi, u mbagħad nitolbu, jekk jogħġbu, jagħmilli nota u jurini li għammidha ħalli nkun nista' nniżżel isimha fir-reġistru tiegħi, biex 'il quddiem, jekk ikun hemm bżonn, wieħed ikun jaf fejn u meta kienet mgħammdha.

L-aħħar magħmudija mniżżla fl-ewwel reġistru saret fit-30 ta' Mejju ta' l-1621. Hemm miktub: "Jien, Dun Pietru Pace, għammidt l-Anġelika, bint l-imgħallem Marjano u Dianora Agius. Il-parrinu kien Ġużeppi Gallo joqgħod l-Imqabba."

**Dun Ġużepp Micallef.**


# MALTA MARBLES LTD

***Għal xogħol ta' Rħam Malti***

***jew Taljan***

Tarġien, Pavimenti, Faċċati u Skirting

—— o ——

**Valletta Road, Mqabba.** **Tel: 826188**




For

Car & Bus Hire

PHONE

**ST. JOSEPH GARAGE**

**Tel: 826496**

Proprietor:

**EUGENIO SCIBERRAS & SONS**

**45 & 62, VALLETTA ROAD**

**MQABBA**

# Innu lil Marija Assunta

(rit.) Hallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Hallina ntennulek ...

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawwra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Hallina ntennulek ...

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla Sultana
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Drieghu rebbieħ.

(rit.) Hallina ntennulek ...

**Joseph M. Ghigo, S.J.**